DIGRIET TAL-QORTI ĠENERALI (It-Tmien Awla)

29 ta' Marzu 2012 *

"Rikors għal annullament — Għajnuna mill-Istat — Skema ta' għajnuna li tippermetti l-ammortizzazzjoni tat-taxxa tal-avvjament finanzjarju fil-każ ta' akkwist ta' ishma barranin — Deċiżjoni li tiddikjara l-iskema ta' għajnuna inkompatibbli mas-suq komuni u li ma tordnax l-irkupru tal-għajnuna — Assoċjazzjoni — Nuqqas ta' interess individwali — Inammissibbiltà"

Fil-Kawża T-236/10,

Asociación Española de Banca, stabbilita f'Madrid (Spanja), irrappreżentata minn J. Buendía Sierra, E. Abad Valdenebro, M. Muñoz de Juan u R. Calvo Salinero, avukati,

rikorrenti,

vs

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn R. Lyal u C. Urraca Caviedes, bħala aġenti,

konvenuta,

li għandu bħala suġġett talba għall-annullament tal-Artikolu 1(1) u, sussidjarjament, tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/5/KE, tat-28 ta' Ottubru 2009, dwar l-amortizzazzjoni tat-taxxa tal-avvjament finanzjarju għal akkwiżizzjonijiet ta' ishma barranin C 45/07 (ex NN 51/07, ex CP 9/07) implimentata minn Spanja (ĠU 2011, L 7, p. 48),

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tmien Awla),

komposta minn L. Truchot (Relatur), President, M. E. Martins Ribeiro u A. Popescu, Imħallfin,

Reġistratur: E. Coulon,

tagħti l-preżenti

Digriet

Il-fatti li wasslu għall-kawża

1 Permezz ta' diversi domandi bil-miktub magħmula fl-2005 u fl-2006 (E-4431/05, E-4772/05, E-5800/06 u P-5509/06), xi membri tal-Parlament Ewropew staqsew lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej dwar il-klassifikazzjoni ta' għajnuna mill-Istat tad-dispożittiv previst mill-Artikolu 12(5) introdott fil-liġi Spanjola dwar it-taxxa fuq il-kumpanniji mil-Ley 24/2001, de Medidas Fiscales, Administrativas

* Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol.

y del Orden Social (Liġi 24/2001, li tadotta miżuri fiskali, amministrattivi u ta' natura soċjali), tas-27 ta' Diċembru 2001 (BOE Nru 313, tal-31 ta' Diċembru 2001, p. 50493), u riprodott mir-Real Decreto Legislativo 4/2004, por el que se aprueba el texto refundido de la Ley del Impuesto sobre Sociedades (Digriet Irjali 4/2004, li japprova t-test rivedut tal-liġi dwar it-taxxa fuq il-kumpanniji), tal-5 ta' Marzu 2004 (BOE Nru 61, tal-11 ta' Marzu 2004, p. 10951) (iktar 'il quddiem l-"iskema kkontestata"). Il-Kummissjoni essenzjalment irrispondiet li, skont informazzjoni li kellha, l-iskema kkontestata ma kinitx tidher li tidħol fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

2 Permezz ta' ittri tal-15 ta' Jannar u tas-26 ta' Marzu 2007, il-Kummissjoni stiednet lill-awtoritajiet Spanjoli jipprovdulha informazzjoni sabiex tevalwa l-portata u l-effetti tal-iskema kkontestata. Permezz ta' ittri tas-16 ta' Frar u tal-4 ta' Ġunju 2007, ir-Renju ta' Spanja kkomunika lill-Kummissjoni l-informazzjoni li talbitu.

3 Permezz ta' faks tat-28 ta' Awwissu 2007, il-Kummissjoni rċeviet ilment minn operatur privat li sostna li l-iskema kkontestata kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat li hija inkompatibbli mas-suq komuni.

4 Permezz ta' deċiżjoni tal-10 ta' Ottubru 2007 (sunt fil-ĠU 311, p. 21), il-Kummissjoni fetħet proċedura ta' investigazzjoni formali dwar l-iskema kkontestata.

5 Permezz ta' ittra tal-5 ta' Diċembru 2007, il-Kummissjoni rċeviet l-osservazzjonijiet tar-Renju ta' Spanja dwar din id-deċiżjoni li tinfetaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali. Bejn it-18 ta' Jannar u s-16 ta' Ġunju 2008, il-Kummissjoni rċeviet ukoll l-osservazzjonijiet ta' 32 terz interessat, fosthom dawk tar-rikorrenti, l-Asociación Española de Banca. Permezz ta' ittri tat-30 ta' Ġunju 2008 u tat-22 ta' April 2009, ir-Renju ta' Spanja ppreżenta l-kummenti tiegħu dwar l-osservazzjonijiet ta' terzi interessati.

6 Fit-18 ta' Frar 2008, fit-12 ta' Mejju u fit-8 ta' Ġunju 2009 ġew organizzati laqgħat tekniċi mal-awtoritajiet Spanjoli. Ġew organizzati wkoll laqgħat tekniċi oħrajn ma' wħud mit-32 terz interessat.

7 Permezz ta' ittra tal-14 ta' Lulju 2008 u permezz ta' posta elettronika tas-16 ta' Ġunju 2009, ir-Renju ta' Spanja ppreżenta informazzjoni addizzjonali lill-Kummissjoni.

8 Il-Kummissjoni temmet il-proċedura għal dak li jikkonċerna l-akkwist ta' ishma mwettaq fi ħdan l-Unjoni Ewropea, permezz tad-Deċiżjoni 2011/5/KE, tat-28 ta' Ottubru 2009, dwar l-amortizzazzjoni tat-taxxa tal-avvjament finanzjarju għal akkwiżizzjonijiet ta' ishma barranin C 45/07 (ex NN 51/07, ex CP 9/07) implementata minn Spanja (ĠU 2011, L 7, p. 48, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

9 Id-deċiżjoni kkontestata tiddikjara inkompatibbli mas-suq komuni l-iskema kkontestata, li tikkonsisti f'vantaġġ fiskali li jippermetti li jiġi ammortizzat l-avvjament, mill-kumpanniji Spanjoli, li jirriżulta minn akkwist ta' ishma f'impriżi barranin meta dan japplika għal akkwisti ta' ishma f'kumpanniji stabbiliti fi ħdan l-Unjoni.

10 Madankollu, l-Artikolu 1(2) u (3) tad-deċiżjoni kkontestata jippermetti lill-iskema kkontestata li tkompli tapplika, taħt il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, għall-akkwisti ta' ishma mwettqa qabel il-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea tad-deċiżjoni li tinfetaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali, li seħħet fil-21 ta' Diċembru 2007, kif ukoll għall-akkwisti ta' ishma li dwarhom kien sar impenn irrevokabbli qabel il-21 ta' Diċembru 2007 li jitwettqu, suġġett għal awtorizzazzjoni ta' awtorità regolatorja li lilha kienet giet innotifikata l-operazzjoni qabel din id-data.

Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

11 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-21 ta' Mejju 2010, ir-rikorrenti fetħet din il-kawża.

12 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali, fit-30 ta' Settembru 2010, il-Kummissjoni qajmet eċċezzjoni ta' inammissibbiltà skont l-Artikolu 114(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

13 Fis-16 ta' Novembru 2010, ir-rikorrenti ppreżentat l-osservazzjonijiet tagħha dwar l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni.

14 Ir-rikorrenti essenzjalment titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiddikjara r-rikors ammissibbli;

— tannulla l-Artikolu 1(1) tad-deċiżjoni kkontestata;

— sussidjarjament, tannulla l-Artikolu 4 tad-deċiżjoni kkontestata, sa fejn huwa jipprovdi obbligu ta' rkupru għall-operazzjonijiet imwettqa qabel il-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tad-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

15 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiddikjara r-rikors inammissibili;

— tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

Id-dritt

16 Skont l-Artikolu 114(1) tar-Regoli tal-Proċedura, jekk parti titlob dan, il-Qorti Ġenerali tista' tiddeċiedi fuq l-inammissibbiltà mingħajr ma tidħol fil-mertu tal-kawża. Skont l-Artikolu 114(3), il-proċeduri għandhom jitkomplew oralment, ħlief f'każ ta' deċiżjoni kuntrarja tal-Qorti Ġenerali. F'dan każ, il-Qorti Ġenerali tikkunsidra li għandha biżżejjed informazzjoni mill-atti tal-kawża u li ma hemmx lok li tinfetaħ il-proċedura orali.

17 Il-Kummissjoni ssostni li dan ir-rikors huwa inammissibbli minħabba li r-rikorrenti ma wrietx li kellha *locus standi* fid-deċiżjoni kkontestata.

18 Skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, "[k]walunkwe persuna fiżika jew ġuridika tista', taħt il-kondizzjonijiet previsti fl-ewwel u t-tieni subparagrafi, tressaq appell kontra att indirizzat lilha jew li jirrigwardha direttament u individwalment, kif ukoll kontra att regolatorju li jirrigwardha direttament u li ma jinvolvix miżuri ta' implimentazzjoni".

19 Għandu jitfakkar li assoċjazzjoni professjonali li hija inkarigata tiddefendi l-interessi kollettivi tal-membri tagħha, bħar-rikorrenti, tista' bħala regola ġenerali tippreżenta rikors għal annullament kontra deċiżjoni finali tal-Kummissjoni dwar għajnuna mill-Istat biss f'żewġ każijiet, jiġifieri, l-ewwel nett, jekk l-impriżi li hija tirrappreżenta jew uħud fosthom għandhom *locus standi* fuq bażi individwali u t-tieni nett jekk hija tista' ssostni interess proprju, b'mod partikolari, għaliex il-pożizzjoni tagħha ta' negozjatriċi tkun ġiet effettwata permezz tal-att li qiegħed jintalab l-annullament tiegħu (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Ġunju 2006, Il-Belġju u Forum 187 vs Il-Kummissjoni, C-182/03 u

C-217/03, Ġabra p. II-5479, punt 56; sentenzi tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Diċembru 1996, AIUFASS u AKT vs Il-Kummissjoni, T-380/94, Ġabra p. II-2169, punt 50, u tad-9 ta' Settembru 2009, Diputación Foral de Álava *et* vs Il-Kummissjoni, T-227/01 sa T-229/01, T-265/01, T-266/01 u T-270/01, Ġabra p. II-3029, punt 108).

20 Ir-rikorrenti tibbaża, prinċipalment, il-*locus standi* tagħha fuq dak tal-membri tagħha.

21 Għalkemm ir-rikorrenti tallega fl-osservazzjonijiet fuq l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà li, "qiegħda tiddefendi l-interessi tal-membri kollha tagħha direttament u individwalment ikkonċernati mid-deċiżjoni kkontestata" hija għandha provi li jistabbilixxu l-*locus standi* ta' tlieta biss mill-membri tagħha, il-Banco Bilbao Vizcaya Argentaria, SA (iktar 'il quddiem il-"BBVA") u l-Banco Santander, SA, li kull wieħed minnhom ippreżenta rikors kontra d-deċiżjoni kkontestata (Kawża T-225/10 u Kawża T-227/10 rispettivament) kif ukoll il-Banco Popular Español, SA, li ma appellax kontra d-deċiżjoni kkontestata.

22 Fir-rigward tal BBVA u Banco Santander, il-Kummissjoni tiddikjara li r-rikorrenti ma tistax tirrappreżenta l-interessi tagħhom, peress li dawn jiddefendu l-interessi tagħhom stess fl-ambitu tar-rikorsi li ppreżentaw kontra d-deċiżjoni kkontestata.

23 Għandu jiġi mfakkar hawnhekk li l-ewwel ipoteżi ta' ammissibbiltà ta' rikors ippreżentat minn assoċjazzjoni bbażata fuq ir-rappreżentazzjoni tal-membri tagħha (ara l-punt 19 iktar 'il fuq) hija, skont il-ġurisprudenza, waħda li fiha l-assoċjazzjoni, bil-preżentata tar-rikors tagħha, tkun qed tissostitwixxi wieħed jew iktar mill-membri tagħha li hija tirrappreżenta, sakemm il-membri tagħha stess jkunu f'pożizzjoni li jippreżentaw rikors ammissibbli huma nfushom (sentenza AIUFASS u AKT vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq punt 50, u d-Digriet tat-18 ta' Settembru 2006, Wirtschaftskammer Kärnten u best connect Ampere Strompool vs Il-Kummissjoni, T-350/03, Ġabra p. II-0068, punt 25).

24 Kif ġie rrelevat mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Lulju 1995, AITEC *et* vs Il-Kummissjoni (T-447/93 sa T-449/93, Ġabra p. II-1971, punt 60), ir-rikors ippreżentat minn assoċjazzjoni għandu vantaġġi proċedurali billi jippermetti li jiġi evitat li numru kbir ta' rikorsi differenti jiġu ppreżentati kontra l-istess deċiżjonijiet. Din l-ewwel ipoteżi ta' ammissibbiltà ta' rikors ippreżentat minn assoċjazzjoni tippresupponi, għaldaqstant, li l-assoċjazzjoni tkun qed taġixxi f'isem u minflok il-membri tagħha. Minn dan jirriżulta li assoċjazzjoni li taġġixxi bħala rappreżentant tal-membri tagħha, hija intitolata li tippreżenta rikors għal annullament meta dawn ma jkunux huma stess ippreżentaw rikors minkejja li kienu intitolati jagħmlu dan.

25 Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet b'hekk, fis-sentenza tagħha tal-11 ta' Ġunju 2009, Confservizi vs Il-Kummissjoni (T-292/02, Ġabra p. II-1659, punt 55) li l-assoċjazzjoni rikorrenti ma kinitx irrapreżentat l-interessi ta' dawk il-membri tagħha li kienu ppreżentaw ir-rikorsi tagħhom stess fil-Kawżi T-297/02, T-300/02, T-301/02, T-309/02 u T-189/03, peress li dawn irrapreżentaw l-interessi tagħhom billi ppreżentaw l-imsemmija rikorsi. Bil-kontra ta' dak li ssostni r-rikorrenti, il-fatt li din ma hijiex l-unika kunsiderazzjoni li wasslet għad-dikjarazzjoni ta' inammissibbiltà tar-rikors, ma jfissirx li jista' jitqies li din hija żbaljata u li tmur kontra l-ġurisprudenza.

26 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li s-sentenzi invokati mir-rikorrenti ma jmorrux kontra din is-soluzzjoni żviluppata mill-ġurisprudenza. Fil-fatt, huma jiddeċiedu dwar rikorsi kollettivi ppreżentati minn assoċjazzjoni waħda jew iktar u wieħed jew iktar mill-membri tagħhom. Madankollu, fil-preżenza ta' rikors kollettiv, peress li l-*locus standi* ta' wieħed mill-partijiet tar-rikors tkun ammessa, skont ġurisprudenza stabbilita, ma hemmx lok li jiġi eżaminat dak tal-partijiet l-oħra (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Marzu 1993, CIRFS *et* vs Il-Kummissjoni, C-313/90, Ġabra p. I 1125, punt 31). Għalhekk, bil-kontra ta' dak li tallega r-rikorrenti, il-maġġoranza tas-sentenzi li hija tiċċita fir-realtà sempliċement iddikjaraw ir-rikors ammissibbli abbażi tal-*locus standi* ta' membru jew iktar tal-assoċjazzjoni mingħajr ma indirizzaw il-*locus standi* ta' din l-assoċjazzjoni (sentenzi tal-Qorti

Ġenerali tas-27 ta' April 1995, AAC *et* vs Il-Kummissjoni, T-442/93, Ġabra p. II 1329, punt 55; AITEC *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 82; tat-22 ta' Ottubru 1996, Skibsværftsforeningen vs Il-Kummissjoni, T 266/94, Ġabra p. II 1399, punt 51, u tas-17 ta' Ġunju, 1999 ARAP *et* vs Il-Kummissjoni, T-82/96, Ġabra p. II-1889, punti 39 sa 41).

27 Sentenza waħda biss, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Marzu 2009, Associazione Italiana del risparmio gestito u Fineco Asset Management vs Il-Kummissjoni (T 445/05, Ġabra p. II 289), tagħti deċiżjoni b'mod espliċitu dwar l-ammissibbiltà tar-rikors ippreżentat mill-assoċjazzjoni wara li ddeċidiet dwar dik tar-rikorsi ppreżentati minn wieħed mill-membri tagħha, sabiex tiddeduċi l-ammissibbiltà tal-assoċjazzjoni minn dik tal-membru tagħha (il-punt 56 tas-sentenza). Madankollu, minn dan ma tistax tinsilet regola ġenerali dwar l-ammissibbiltà tar-rikorsi ppreżentati mill-assoċjazzjonijiet weħedhom, skont liema regola dawn tal-aħħar ikunu intitolati li jaġixxu jekk il-membri tagħhom ikunu intitolati huma stess, sew jekk ikunu ppreżentaw ir-rikors tagħhom jew le. Fil-fatt, fil-kawża li wasslet għal din is-sentenza, il-membru tal-assoċjazzjoni rikorrenti ma ppreżentax rikors separat, iżda ppreżenta l-istess u l-uniku rikors flimkien mal-assoċjazzjoni, b'tali mod li ma ppreġudikax il-vantaġġ proċedurali msemmi fil-punt 24 iktar 'il fuq.

28 Għal dak li jirrigwarda s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Mejju 2010, Franza *et* vs Il-Kummissjoni (T-425/04, T-444/04, T-450/04 u T-456/04, Ġabra p. II-2099), iċċitata wkoll mir-rikorrenti, din lanqas ma tippermetti li tiġi dedotta tali regola, peress li ma ddeċidietx dwar l-ammissibbiltà tar-rikors ippreżentat fil-Kawża T-456/04 mill-assoċjazzjoni rikorrenti. Għandu jitfakkar barra minn hekk li r-rikors ta' assoċjazzjoni jista' jiġi ddikjarat ammissibbli, minkejja l-preżentata ta' rikorsi mill-membri tagħha, abbażi tal-effett fuq l-interessi tagħha stess (ara l-punt 19 iktar 'il fuq). Bl-istess mod, fis-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Ġunju 2006, UFEX *et* vs Il-Kummissjoni (T-613/97, Ġabra p. II-1531), iċċitata wkoll mir-rikorrenti, li ddeċidiet fuq rikors ippreżentat minn assoċjazzjoni u tlieta mill-membri tagħha, ma fiha ebda kunsiderazzjoni dwar l-ammissibbiltà tar-rikors.

29 Barra minn hekk, bil-kontra ta' dak li ssostni r-rikorrenti, soluzzjoni bħal din ma ċċaħħadx lill-Artikolu 263 TFUE mill-effett utli tiegħu u la tippreġudika l-prinċipju ta' ċertezza legali u lanqas id-drittijiet tad-difiża tagħha. Hija ċertament tibbaża l-ammissibbiltà tar-rikors tal-assoċjazzjonijiet fuq l-assenza ta' rikorsi ppreżentati minn partijiet oħra, jiġifieri l-membri tagħhom. Madankollu, din is-sitwazzjoni ma tistax titqies bħala sors ta' inċertezza jew ta' nuqqas ta' sigurtà, peress li jista' jiġi mistenni, b'mod leġittimu, minn assoċjazzjoni inkarigata tiddefendi l-interessi tal-membri tagħha li jkollha konjizzjoni tar-rikorsi ppreżentati minnhom, u viċeversa. Barra dan, l-inammissibbiltà tar-rikors tal-assoċjazzjoni rikorrenti minħabba r-rikorsi ppreżentati mill-membri tagħha ma tippreġudikax l-effett utli tal-Artikolu 263 TFUE u d-drittijiet tad-difiża tagħha, jiġifieri essenzjalment, id-dritt tagħha għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva. Hemm żewġ possibbiltajiet, jew l-assoċjazzjoni rikorrenti tippreżenta rikors biex tiddefendi l-interessi tal-membri tagħha li għandhom *locus standi* u r-rikors ddikjarat ammissibbli jkun dak tal-membru tal-assoċjazzjoni jew dak tal-assoċjazzjoni skont jekk wieħed mill-membri tagħha jkunx ippreżenta jew le r-rikors tiegħu stess; jew l-assoċjazzjoni tippreżenta rikors biex tiddefendi l-interessi tagħha stess u r-rikors tagħha jkun jista' jiġi ddikjarati ammissibbli, minkejja li jiġi ppreżentat rikors mill-membri tagħha, jekk l-eżistenza ta' tali interess jiġi stabbilit (ara l-punti 42 sa 46 iktar 'il quddiem).

30 Minn dan jirriżulta li dan ir-rikors ma jistax jiġi ddikjarat ammissibbli abbażi tar-rappreżentanza mir-rikorrenti tal-BBVA u tal-Banco Santander peress li dawn kienu ppreżentaw ir-rikorsi tagħhom stess, u dan mingħajr ebda bżonn ta' deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà tar-rikorsi ppreżentati minn dawn iż-żewġ kumpanniji.

31 Fir-rigward tal-Banco Popular Español, li r-rikorrenti tinvoka sussidjarjament, hija hemżet mal-osservazzjonijiet tagħha dwar l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, dokument li jikkonferma li din il-kumpannija kienet applikat l-iskema kkontestata fl-2007 u fl-2008, b'mod partikolari għal akkwist ta' ishma, f'kumpannija stabbilita fil-Portugal f'Ġunju 2003. Madankollu, ir-rikorrenti tippreċiża li l-Banco Popular Español ma ġiex suġġett għal obbligu ta' rkupru.

32 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni, l-ewwel nett, u billi tibbaża ruħha fuq il-ġurisprudenza, li r-rikonoxximent tal-interess individwali tal-benefiċjarju ta' għajnuna mogħtija skont skema ta' għajnuna ddikjarata illegali u inkompatibbli ma jistax ikun limitat għall-każijiet fejn il-ħlas lura ta' din l-għajnuna tkun ġiet imposta fuqu. Fl-opinjoni tagħha, fil-fatt, l-obbligu ta' rkupru huwa eżaminat mill-ġurisprudenza biss għal finijiet ta' kompletezza.

33 Dan l-argument għandu jiġi miċħud. Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita, bħala prinċipju, impriża ma tistax tkun intitolata tippreżenta rikors għall-annullament ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tipprojbixxi skema ta' għajnuna settorjali jekk tkun ikkonċernata minn din id-deċiżjoni biss minħabba li tagħmel parti mis-settur inkwistjoni u minħabba l-kwalità tagħha ta' benefiċjarja potenzjali tal-imsemmija skema. Fil-fatt, fir-rigward ta' tali impriża, tali deċiżjoni tkun miżura ta' portata ġenerali li tapplika għal sitwazzjonijiet iddeterminati b'mod oġġettiv u jkollha effetti legali fir-rigward ta' kategorija ta' persuni previsti b'mod ġenerali u astratt (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' April 2004, L-Italja vs Il-Kummissjoni, C-298/00 P, Ġabra p. I-4087, punt 37, u l-ġurisprudenza ċċitata, u s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Ġunju 2009, Acegas vs Il-Kummissjoni, T-309/02, Ġabra p. II-1809, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

34 Madankollu, peress li l-impriża rikorrenti ma hijiex biss ikkonċernata mid-deċiżjoni inkwistjoni bħala impriża tas-settur ikkonċernat, benefiċjarja potenzjali tal-iskema ta' għajnuna, iżda wkoll minħabba l-kwalità tagħha ta' benefiċjarja effettiva ta' għajnuna individwali mogħtija taħt din l-iskema u li l-Kummissjoni ordnat l-irkupru tagħha, din l-impriża hija individwalment ikkonċernata mill-imsemmija deċiżjoni u r-rikors ippreżentat kontra din id-deċiżjoni huwa ammissibbli (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Ottubru 2000, L-Italja u Sardegna Lines vs Il-Kummissjoni, C-15/98 u C-105/99, Ġabra p. I-8855, punti 34 u 35, u s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Settembru 2009, Banco Comercial dos Açores vs Il-Kummissjoni, T-75/03, li ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra, punt 44).

35 Is-sentenzi ċċitati fil-punt 33 iktar 'il fuq, kif ukoll id-deċiżjonijiet iċċitati mir-rikorrenti, jissuġġettaw, f'termini identiċi, l-interess individwali ta' rikorrent minn deċiżjoni li tiddikjara skema ta' għajnuna inkompatibbli għall-prova tal-kwalità tiegħu ta' benefiċjarju effettiv ta' għajnuna individwali mogħtija taħt din l-iskema u li l-Kummissjoni tkun ordnat l-irkupru tagħha (sentenzi tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Settembru 2007, Salvat père & fils *et* vs Il-Kummissjoni, T-136/05, Ġabra p. II-4063, punt 70, tal-11 ta' Ġunju 2009, ACEA vs Il-Kummissjoni, T-297/02, Ġabra p. II-1683, punt 45, u AEM vs Il-Kummissjoni, T-301/02, Ġabra p. II-1757, punt 45). Ma jistax jiġi dedott minn din il-formulazzjoni, li tqiegħed l-obbligu ta' rkupru fuq l-istess livell tal-kwalità ta' benefiċjarju effettiv tar-rikorrenti, li r-rekwiżit ta' tali obbligu huwa ta' importanza sekondarja, jew saħansitra superfluwu.

36 Għandu jiġi rrilevat wkoll li s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Novembru 2008, Hôtel Cipriani *et* vs Il-Kummissjoni (T-254/00, T-270/00 u T-277/00, Ġabra p. II-3269, punt 84), iċċitata wkoll mir-rikorrenti, sempliċement tirrepeti ż-żewġ kundizzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq, u tagħti wkoll importanza partikolari lill-ordni ta' rkupru billi tikkunsidra li l-individwalizzazzjoni tirriżulta f'dan il-każ mill-preġudizzju partikolari tal-ordni ta' rkupru lill-interessi tal-membri li huma perfettament identifikabbli f'dan iċ-ċirku ristrett. Il-Qorti tal-Ġustizzja, li ddeċidiet dwar l-appell ippreżentat kontra din is-sentenza, kkunsidrat li l-Qorti Ġenerali ġustament qieset li l-impriżi rikorrenti kellhom *locus standi*, peress li dawn kienu individwalment ikkonċernati mid-deċiżjoni kkontestata minħabba l-preġudizzju partikolari fuq is-sitwazzjoni legali tagħhom ikkawżat mill-ordni ta' rkupru tal-għajnuna kkonċernata. (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-9 ta' Ġunju 2011, Comitato "Venezia vuole vivere" *et* vs Il-Kummissjoni, C-71/09 P, C-73/09 P u C-76/09 P, Ġabra p. I-4727, punt 51). Minn dan jirriżulta, li meta att ikkontestat jeżiġi l-irkupru ta' għajnuna mogħtija skont skema ta' għajnuna, huma biss ir-rikorrenti milquta mill-obbligu ta' rkupru li huma kkonċernati individwalment (digriet tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Marzu 2012, Ebro Foods vs Il-Kummissjoni, T-234/10, li ma ġiex ippubblikat fil-Ġabra, punt 28).

37 Ir-rikorrenti ssostni, it-tieni nett, li l-esklużjoni tal-operazzjonijiet ta' qabel il-21 ta' Diċembru 2007 mill-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligu ta' rkupru skont il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, ma hijiex definittiva, minħabba r-rikors ippreżentat minn Deutsche Telekom AG fil-Kawża T-207/10 kontra din il-parti operattiva tad-deċiżjoni kkontestata.

38 Permezz ta' dan l-argument, ir-rikorrenti tfixkel il-kundizzjoni għall-ammissibbiltà tal-interess individwali ma' dik tal-interess ġuridiku. Fil-fatt, għalkemm l-interess ġuridiku jista' jiġi stabbilit permezz, b'mod partikolari, tal-azzjonijiet mibdija quddiem il-qorti nazzjonali wara l-preżentata tar-rikors quddiem il-qorti tal-Unjoni (sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Ottubru 2008, TV 2/Danmark *et* vs Il-Kummissjoni, T-309/04, T-317/04, T-329/04 u T-336/04, Ġabra p. II-2935, punti 78 sa 82), l-interess individwali ta' persuna fiżika jew ġuridika huwa evalwat fil-jum tal-preżentata tar-rikors u jiddependi biss fuq id-deċiżjoni kkontestata. Għaldaqstant, persuna konċernata individwalment minn deċiżjoni li tiddikjara għajnuna inkompatibbli mas-suq komuni u li tordna l-irkupru tagħha tibqa' tali anki jekk sussegwentement jirriżulta li l-irkupru mhux ser jintalab lilha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Comitato "Venezia vuole vivere" *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 56, u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Trstenjak għal din is-sentenza, Ġabra p. I-4727, punti 81 u 82).

39 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li, sabiex ikun ikkonċernat individwalment mill-att ikkontestat, ir-rikorrent għandu jistabbilixxi li jagħmel parti minn ċirklu magħluq, jiġifieri minn grupp li ma jistax jiżdied wara l-adozzjoni tal-att ikkontestat (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' Ġunju 1990, Sofrimport Il-Kummissjoni, C-152/88, Ġabra p. I-2477, punt 11, u Il-Belġju u Forum 187 vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 63).

40 Minn dan jirriżulta, f'dan il-każ, li l-annullament eventwali tal-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata mill-Qorti Ġenerali u l-irkupru sussegwenti tal-għajnuna kkontestata mingħand il-Banco Popular Español ma jippermettux li dan jiġi kkunsidrat bħala konċernat individwalment.

41 Konsegwentement, dan ir-rikors lanqas ma jista' jiġi ddikjarat ammissibbli abbażi tar-rappreżentanza mir-rikorrenti tal-Banco Popular Español.

42 Ir-rikorrenti tinvoka b'mod sussidjarju, insostenn għall-ammissibbiltà tar-rikors tagħha, l-interess tagħha stess li jirriżulta mill-parteċipazzjoni tagħha fil-proċedura ta' investigazzjoni formali.

43 Skont ġurisprudenza stabbilita fil-kuntest ta' rikorsi ppreżentati minn assoċjazzjonijiet, partikolarment mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' Frar 1988, Kwekerij van der Kooy *et* vs Il-Kummissjoni (67/85, 68/85 u 70/85, Ġabra p. 219), u s-sentenza CIRFS *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitati iktar 'il fuq, invokati mir-rikorrenti, rikorrent jista' jkun ċertament individwalment ikkonċernat abbażi tal-parteċipazzjoni attiva tiegħu fil-proċedura li tkun wasslet għall-adozzjoni tal-att ikkontestat. Madankollu, dawn il-każijiet kienu jikkonċernaw sitwazzjonijiet partikolari fejn ir-rikorrent kien jokkupa pożizzjoni ta' negozjatur stabbilita b'mod ċar u marbuta mill-qrib mas-suġġett stess tad-deċiżjoni, li poġġietu f'sitwazzjoni ta' fatt li kienet tikkaratterizzah meta mqabbel ma' kull persuna oħra (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-9 ta' Lulju 2009, 3F vs Il-Kummissjoni, C-319/07 P, Ġabra p. I-5963, punti 85 sa 95 u l-ġurisprudenza ċċitata).

44 B'mod partikolari, mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Diċembru 2005, Il-Kummissjoni vs Aktionsgemeinschaft Recht und Eigentum, (C-78/03 P, Ġabra P. I-10737, punt 58) jirriżulta li r-rwol ta' assoċjazzjoni li ma jmurx lil hinn mill-eżerċizzju tad-drittijiet proċedurali rrikonoxxuti lill-persuni konċernati mill-Artikolu 108(2) TFUE, kif ukoll mill-Artikolu 1(h) u l-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu [108 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339) ma jistax jiġi assimilat ma' dak tar-rikorrenti fil-kawżi li wasslu għas-sentenzi Kwekerij van der Kooy *et* vs Il-Kummissjoni u CIRFS *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitati iktar 'il fuq.

45 Is-sentenzi ċċitati mir-rikorrenti ma jikkontestawx din l-interpretazzjoni tas-sentenza Kwekerij van der Kooy *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq. Fil-fatt, il-punt 35 tas-sentenza AAC *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, jinsab fil-parti "L-argumenti tal-partijiet" tas-sentenza u jesponi argument tal-Kummissjoni intiż sabiex jikkontesta l-ammissibbiltà tar-rikors ippreżentat mill-Association des amidonneries de céréales de la CEE (AAC) billi jippreżentata l-interpretazzjoni tagħha tas-sentenza Kwekerij van der Kooy *et* vs Il-Kummissjoni, iktar 'il fuq. Barra minn hekk, fil-punt 89 tas-sentenza Diputación Foral de Álava *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq u ċċitata wkoll mir-rikorrenti, il-Qorti Ġenerali aċċettat li, minħabba l-parteċipazzjoni tagħha fil-proċedura amministrattiva, il-parti li talbet tintervjeni kienet iġġustifikat interess fis-soluzzjoni tal-kawża. Il-Qorti Ġenerali għalhekk iddeċidiet abbażi ta' kundizzjoni distinta minn dik inkwistjoni f'dan il-każ, jiġifieri dik tal-interess fis-soluzzjoni tal-kawża mitlub mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 40 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea sabiex isir intervent f'kawża.

46 F'dan il-każ, peress li r-rikorrenti llimitat ruħha biex tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha matul il-proċedura ta' investigazzjoni formali, bħall-partijiet interessati l-oħrajn, ir-rikors tagħha ma jistax jiġi ddikjarat ammissibbli abbażi tad-difiża tal-interessi tagħha stess fil-kuntest tal-proċedura li wasslet għad-deċiżjoni kkontestata.

47 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal, hemm lok li dan ir-rikors jiġi miċħud bħala inammissibbli.

Fuq l-ispejjeż

48 Skont l-Artikolu 87(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef hija kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li r-rikorrenti tilfet, hemm lok li minbarra li tiġi kkundannata tbati l-ispejjeż tagħha stess, hija tbati wkoll dawk tal-Kummissjoni, skont it-talbiet ta' din tal-aħħar.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tmien Awla)

tordna:

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) L-Asociación Española de Banca hija kkundannata għall-ispejjeż.

Il-Lussemburgu, id-29 ta' Marzu 2012.

Reġistratur
E. Coulon

President
L. Truchot